**21 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Carmela Frendo

*versus*

Avukat Dr. René Cremona et. ne.

**Separazzjoni Personali — Ġurisdizzjoni — Domiċilju — Eżekuzzjoni tas-Sentenza — Art. 743(a) u (g) tal-Proċedura Ċivili.**

*It-tibdil tad-domiċilju jimporta rinunzja għad-domiċilju tal-oriġini, u bħala tali jrid jirriżulta minn ċirkustanzi gravi, preċiżi u konkordanti; u sakemm ma jirriżultax dan it-tibdil ta' domiċilju, min hu suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna jibqa' hekk suġġett avvolja jkun siefer u mar f'pajjiż ieħor.*

*Rigward l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'dawn il-Gżejjer, il-liġi ma għamlet ebda limitazzjoni, u għalhekk għandu jiftiehem li kull forma ta' eżekuzzjoni hija biżżejjed biex tissoddisfa l-liġi għall-fini tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna. F'każ ta' separazzjoni personali, is-sentenza li tippronunzja s-separazzjoni tista' tiġi nskritta fir-Reġistru Publiku, u din il-forma ta' eżekuzzjoni hi biżżejjed biex tirradika l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna biex jieħdu konjizzjoni ta' kawża ta' separazzjoni personali kontra r-raġel li jinsab imsiefer.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi l-imsemmi Joseph Frendo, żewġ l-attriċi, abbandunaha għal aktar minn ħdax il-sena; illi hu telaq mid-dar konjugali, siefer l-Ingilterra, u, kif jidher mill-ittra tat-28 ta' Frar 1949 (dok. B anness), qiegħed jgħix ma' mara oħra; talbet li għar-raġunijiet fuq imsemmija (1) tiġi dikjarata minn din il-Qorti s-separazzjoni personali bejn l-attriċi u l-imsemmi żewġha Joseph Frendo; (2) tiġi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attriċi u l-istess żewġha; (3) u jiġi dikjarat li l-konvenut iddekada mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabbli għall-każ. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk

tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti kuraturi, li biha eċċepew li din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni f'din il-kawża, stante illi Joseph Frendo jidher li hu domiċiljat l-Ingilterra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali opposta mill-konvenuti;

Illi din l-eċċezzjoni tinsab bażata fuq id-dokument fol. 6, li hija ittra mibgħuta lill-attriċi mill-konvenut żewġha; iżda din l-ittra, fil-fehma tal-Qorti, ma tikkostitwix dik il-prova adegwata li hi meħtieġa biex ikun aċċertat bla ebda dubju ta' xejn il-kambjament tad-domiċilju da parti tal-konvenut. Dan it-tibdil jimporta fih innifsu rinunzja għad-domiċilju tal-oriġini, u bħala tali jrid jirriżulta minn ċirkustanzi gravi, preċiżi u konkordanti, li fil-każ ma jirriżultawx. Dik l-ittra lanqas tinsab b'xi mod korroborata mill-ġurament ta' min kitibha jew minn xi prova oħra, u jista' jkun li l-konvenut bagħatha lill-attriċi biex jipprivaha mill-benefiċċju li tadixxi t-tribunali ta' dawn il-Gżejjer u hekk ifixkilha fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-allegat kambjament tad-domiċilju ma ġiex pruvat mill-konvenuti; u billi ma hemmx kuntrast illi l-kontendenti huma maltin, u kwindi sudditi tal-Maestà Tagħha r-Reġina, huma jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili ta' dawn il-Gżejjer (art. 743(a) Proċ. Ċiv.);

Illi, subordinatament, l-attriċi, fid-dibattitu orali, invokat favur tagħha d-dispożizzjoni tal-art. 743(a) tal-Kodiċi fuq ċitat, li jassoġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati lil "kull persuna, għal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma' suddittu tal-Maestà Tagħha r-Reġina, meta s-sentenza tista' tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer". Ma jid-

herx li hemm kuntrast bejn il-partijiet illi si tratta, fil-każ tagħna, ta' obligazzjoni fis-sens komprensiv mogħti lil din il-kelma mill-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati (Kollez. XXXII-II-301). Il-kuntrast jirrigwarda l-eżegwibbilità tas-sentenza f'dawn il-Gżejjer. Il-konvenuti jippretendu li, ladarba "ex admissis" il-konvenut ma għandu ebda proprjetà f'dawn il-Gżejjer, is-sentenza f'din il-kawża ma hix eżegwibbli; mill-banda l-oħra, l-attriċi ssottomettiet illi l-eżekuzzjoni tista' tikkonsisti mhux billi hija tkun tista' tgħix mifruda minn żewġha, iżda anki billi s-sentenza, f'każ ta' suċċess, tiġi nskritta fir-Reġistru Publiku, u b'hekk hija tirregola l-pożizzjoni ġuridika tagħha saħansitra quddiem it-terzi;

Illi, rigward l-eżekuzzjoni tas-sentenza l-liġi ma għamlet ebda limitazzjoni, u għalhekk għandu jiftiehem li kull forma ta' eżekuzzjoni hija biżżejjed biex tissoddisfa l-liġi. U ma setgħax ikun diversament; għaliex, kif jiddefiniha Foramiti, "esecuzione significa l'adempimento di una cosa" (Enciclopedia legale, voce Esecuzione, atto civile). U b'applikazzjoni għas-sentenzi, Halsbury jiddefiniha "the enforcement or effectuation of the judgment or orders of Courts of Justice" (Laws of England, XIV, § 1). U f'dan is-sens komprensiv hija l-interpretazzjoni ta' dawn il-Qrati, li jirrikonoxxu bħala mod ta' eżekuzzjoni tas-sentenza l-inskrizzjoni tagħha fir-Reġistru Publiku (Kollez. XXIX-II-1036; XXXII-II-301);

Dan ukoll huwa l-insenjament ta' Baudry:— "La sentenza che pronuncia il divorzio o la separazione personale produce i suoi effetti riguardo a tutti, anche riguardo a coloro che non furono parte in causa . . . . Essa da' ai coniugi una stato civile nuovo, una posizione nuova nella società. Questo stato deve essere riconosciuto da tutti. La legge lo lascia intendere chiaramente in varie disposizioni. Così si spiega particolarmente la pubblicità data alla sentenza" (Persone, Vol. IV, § 354);

Del resto, anki l-liġi tagħna tkompli turi dan l-interess tat-terz fl-art. 75, 79 u 1290 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi, skond l-art. 56 fuq ċitat, l-inskrizzjoni fir-Reġistru Publiku tirrigwarda s-sentenza kollha tas-separazzjoni personali, u għalhekk il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti jeħtieġ tinvesti d-domandi kollha relattivi għall-istess separazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad il-preġudizzjali opposta mill-konvenuti, u tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-eċċipjenti nomine;

U tiddifferixxi l-kawża għall-25 ta' Mejju 1961, biex titkompla skond il-liġi.